**L-Onor. George W Vella ressaq din l-Emenda:-**

Ħassar dak kollu li hemm wara "Din il-Kamra ... " u daħħal dan li ġej:

“f'dan l-istadju storiku fl-iżvilupp politiku ta' pajjiżna, tafferma li l-futur politiku u soċjali ta' Malta huwa marbut strettament mal-ħiliet, u mal-kapaċitajiet tal-poplu Malti u Għadwxi kollu, li f'għaqda sħiħa mal-pajjiżi kollha li jfittxu l-paċi u l-progress ekonomiku u soċjali, u fil-ħarsien tal-prinċipji tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, b'sens sħiħ ta' solidarjeta' bejn il-popli, ifittxu l-ħolqien u ż-żamma tal-paċi, tas-sigurta', u tal-prosperita’ fost il-ġnus;

Tfakkar li fl-istorja millenarja ta' pajjiżna qatt ma mxejna daqshekk 'il quddiem fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u soċjali, daqskemm meta l-poplu Malti kien rajh f'idejh;

Temmen li s-saħħa politika ta' pajjiżna tiddependi ħafna mill-pożizzjoni ġeostatreġika tagħna, u mill-politika tagħna ta' newtralita' u non-allinejament, li filwaqt li tħallilna l-flessibilita' neċessarja, ma tfixkilniex mill-ħidma tagħna b'mod attiv favur il-paċi;

Tinnota li fuq livell nazzjonali jeżisti qbil li r-relazzjonijiet tagħna ma' l-Unjoni Ewropea għandhom jissaħħu u taċċetta l-fatt li dan jista' jsir taħt forom differenti;

Tinnota li matul l-aħħar snin il-poplu Malti u Għawdxi ma ġiex mogħti l-istess ammont ta' informazzjoni dwar dawn il-forom differenti ta' tqarrib lejn l-istrutturi u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u li ġie mġiegħel jemmen li teżisti biss sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea u l-ebda rabta oħra;

Tinnota li l-politika ta' *partnership* ma' l-Unjoni Ewropea, bħal dik li tirrakkomanda l-Oppożizzjoni, hemm riferenzi għaliha fid-dokumenti politiċi ta' l-akbar żewġ gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew, u fl-Abbozz tal-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa;

Tfakkar li sfortunatament kienu ħafna l-wegħdiet ta' benefiċċji kbar li saru lill-poplu Malti u Għawdxi, li kellhom iseħħu sa minn qabel is-sħubija, u li eventwalment ma seħħewx;

Tinnota li fl-hekk imsejħa konsultazzjonijiet li saru ma' rappreżentanti ta' setturi differenti tal-popolazzjoni, f'ħafna każi ġew injorati t-talbiet ta' dawk involuti, u ftit li xejn ingħata żmien biżżejjed biex jiġu meqjusa proposti u kontroproposti;

Tinnota b'dispjaċir li fuq din il-bażi l-Gvern ma rnexxilux jinnegozja u jakkwista pakkett ta' ftehim għas-sħubija sħiħa ta' Malta fl-Unjoni Ewropea li jipprovdi l-kondizzjonijiet li kienu mwiegħda lill-poplu;

Tagħraf li bil-ftehim miksub mill-Gvern ma' l-Unjoni Ewropea;

* Postijiet tax-xogħol u negozji tal-Maltin ikunu mhedda mill-barranin;
* Il-prezz tal-proprjeta' ma jibqax jintlaħaq mill-Maltin;
* Togħla l-ħajja u jintlaqtu ħażin l-industrija tal-manifattura u t-turiżmu;
* Jiġi mhedded l-għajxien tal-bdiewa u tas-sajjieda;
* Jiddaħħlu taxxi fuq oqsma, servizzi u prodotti li mhux bilfors jaqblilna ndaħħluhom;
* Tintilef is-sovranita` u eventwalment in-newtralita` u l-ħelsien ta` pajjiżna;
* Inħallsu lill-Unjoni flus u taxxi aktar mill-fondi li nirċievu mingħandha;
* Jintilef id-dritt li nfasslu l-politika barranija tagħna skond il-bżonnijiet ta` pajjiżna;

Tagħraf li dawn il-perikli ma jitfaċċawx bil-politika ta` *partnership*, li biha jissaħħu u jitkabbru aktar ir-relazzjonijiet eżistenti bejn pajjiżna u l-Unjoni Ewropea, titwessa` l-firxa ta` oqsma li fihom tiġi żviluppata koperazzjoni ġdida, u ma jiddaħħlux piżijiet u responsabbilitajiet li mhumiex adattati għal pajjiżna;

Tagħraf ukoll li l-politika ta` *partnership* ma tagħlaq ebda bibien għall-kwalunkwe żvilupp politiku ieħor li l-poplu Malti jista` jħoss li jkollu jieħu għada pitgħada f`ċirkostanzi u kundizzjonijiet li jaf ikunu ferm differenti minn dawk tal-lum.

Għalhekk din il-Kamra,

Tqis li sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea m'hix għażla fl-aħjar interess tal-poplu Malti u Għawdxi,

Tfakkar li l-għażla li għandu quddiemu l-poplu Malti u Għawdxi mhijiex sħubija jew le fl-Unjoni Ewropea, imma għażla bejn relazzjoni ta` sħubija sħiħa u relazzjoni ta` *partnership* ma` l-Unjoni Ewropea,

Tinnota li l-mistoqsija proposta mill-Gvern biex titpoġġa lill-poplu ma tirrifletti xejn minn din l-għażla,

u

Tqis li minħabba skadenzi elettorali fil-qrib il-proposta tal-gvern tista` toħloq inċertezza politika serja li tkun ta` ħsara għall-interess nazzjonali.

Din il-Kamra għalhekk

Tqis li r-referendum propost mill-Gvern mhuwiex l-għodda adattata biex issir l-għażla politika kruċjali fiċ-ċirkostanzi preżenti għaliex l-implikazzjonijiet ta` għażliet differenti ta` relazzjonijiet ma` l-Unjoni Ewropea huma tant wiesgħa, li fihom infushom jissarrfu, kull waħda minnhom, fi programm elettorali ta` Gvern,

u

Tirrisolvi li fiċ-ċirkostanzi preżenti, l-għażla importanti li l-poplu Malti u Għawdxi jmissu jagħmel titwettaq aħjar permezz ta` Elezzjoni Ġenerali, li hija l-mod deċiżiv li tipprovdi l-Kostituzzjoni.

13.01.2003